



2021/0227(BUD)

7.9.2021

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022
- Introduzzjoni ġenerali - Nefqa totali - Dikjarazzjoni Ġenerali tad-dħul -
Dikjarazzjoni tad-dħul u n-nefqa skont it-taqsimha
(2021/0227(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Antonio Tajani

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' ż-żieda proposta ta' 18 % fl-appropriazzjonijiet ta' impenn u ż-żieda ta' 104 % fl-appropriazzjonijiet ta' pagament taħt l-abbozz ta' baġit 2022 meta mqabbla mal-baġit 2021 għal linja baġitarja "Il-promozzjoni tal-involviment u tal-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-ħajja demokratika tal-Unjoni"; ifakkar li, kif stabbilit fl-Artikolu 10(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-parteċipazzjoni fil-ħajja demokratika tal-Unjoni hija dritt fundamentali taċ-ċittadini tal-Unjoni; għalhekk jemmen li hija meħtieġa żieda ulterjuri biex tiżgura biżżejjed mezzi finanzjarji għall-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valur u appoġġ adegwat, fost l-oħrajn, għall-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej, u għaldaqstant jipproponi żieda ulterjuri ta' 5 % għal din il-linja baġitarja;
2. Jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat li l-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri jilħaq l-Unjoni Ewropea kollha billi titqies distribuzzjoni ġusta, aċċessibbli u ġeografika tal-fondi; jilqa' pożittivament f'dan ir-rigward l-implimentazzjoni u l-appropriazzjonijiet ta' impenn għall-Proġett Pilota BELE - Nibnu l-Ewropa flimkien mal-Entitajiet Lokali, bħala mod kif tissaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-bliet u l-irħula lil hinn mill-bliet kapitali tal-Istati Membri fil-ħajja demokratika tal-Unjoni; jitlob għal allokkazzjonijiet addizzjonali speċifiċi mfassla biex iżidu l-viżibbiltà u l-impatt tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa billi jiġu skjerati, flimkien mal-Parlament Ewropew, aktar inizjattivi strutturati u aħjar, madwar l-Ewropa u fi ħdan l-Istati Membri f'konformità mal-pożizzjoni tal-Parlament;
3. Jenfasizza l-importanza tal-Programm dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri għall-promozzjoni tal-edukazzjoni dwar iċ-ċittadinanza Ewropea u jitlob li jkun hemm linja baġitarja dwar kurrikulu primarju u sekondarju dimostrariv u volontarju għal edukazzjoni għaċ-ċittadinanza tal-UE u globali;
4. Ma jaqbilx mal-pożizzjoni tal-Kunsill li jnaqqas il-finanzjament bi 3,6 % fl-abbozz ta' baġit 2022 għal-linja "Rappreżentazzjonijiet tal-Kummissjoni"; jipproponi żieda ta' 5 % għal din il-linja meta mqabbla mal-proposta tal-Kummissjoni fl-abbozz ta' baġit 2022 u jqis li din iż-żieda hija meħtieġa għall-fini li jiġteġġu djalogi proattivi dwar kwistjonijiet tal-UE maċ-ċittadini fl-Istati Membri, inklużi formati virtwali u ibridi, l-organizzazzjoni ta' avvenimenti fil-kuntest tal-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa kif ukoll l-iżvilupp ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni għall-ġlieda kontra l-indhila barrani u d-diżinformazzjoni; iqis li l-Parlament għandu jiggarrantixxi wkoll ir-riżorsi xierqa għall-Uffiċċji ta' Kollegament tiegħu għal dan il-għan;
5. Iqis li l-livelli proposti ta' żieda ta' 0,9 % f'appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' 3 % f'appropriazzjonijiet ta' pagament mhumiex biżżejjed għal "Servizzi tal-komunikazzjoni għaċ-ċittadini" meta mqabbla mal-baġit tal-2021; għaldaqstant, jopponi l-pożizzjoni tal-Kunsill li l-finanzjament jitnaqqas bi 3,1 % għal din il-linja baġitarja; jirrimarka li s-servizzi tal-komunikazzjoni għaċ-ċittadini għandhom ikunu tal-ogħla livell sabiex jilhqqu liċ-ċittadini tal-Unjoni u jinvolvu ruħhom magħhom permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni differenti, u b'hekk il-politiki tal-Unjoni jsiru aktar viżibbli b'mod

sostanzjali; għalhekk jipproponi żieda ta' 5 % meta mqabbla mal-livelli tal-abbozz tal-baġit 2022 għal "Servizzi tal-komunikazzjoni għaċ-ċittadini", fost l-oħrajn, fid-dawl tal-finanzjament ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni u informazzjoni dwar l-Inizjattiva taċ-Ċittadini Ewropej f'kooperazzjoni mar-Rappreżentazzjonijiet tal-Kummissjoni u ċ-ċentri lokali ta' Europe Direct fl-Istati Membri; jissottolinja l-importanza tal-involvement ta' NGOs iżgħar, awtoritajiet lokali u partijiet ikkonċernati fl-istrateġiji u l-azzjonijiet ta' komunikazzjoni; jitlob li l-kontenut ikun disponibbli fil-lingwi kollha tal-Unjoni u li dak il-kontenut isir aċċessibbli għaċ-ċittadini tal-Unjoni li jgħixu fi Stati Membri li mhumiex il-pajjiż ta' orijini tagħhom;

6. Jitlob għall-finanzjament ta' strateġija u ta' inizjattiva speċifiċi ffukati fuq iċ-ċittadinanza u l-edukazzjoni ċivika; jitlob għall-ħolqien taħt il-Baġit tal-Unjoni 2022 ta' aġenzija ġdida li tiffoka fuq iċ-ċittadinanza u l-edukazzjoni ċivika;
7. Iħeġġeġ lill-Kumitat għall-Baġits jinkorpora ż-żidiet fil-linja baġitarja imsemmija hawn fuq fil-pożizzjoni tiegħu, peress li dawn jaqdu l-iskop li jiksbu riżultati konkreti u komunikazzjoni ta' kwalità għaċ-ċittadini.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	2.9.2021
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 22 -: 4 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Gerolf Annemans, Gabriele Bischoff, Damian Boeselager, Geert Bourgeois, Fabio Massimo Castaldo, Leila Chaibi, Gwendoline Delbos-Corfield, Pascal Durand, Daniel Freund, Charles Goerens, Esteban González Pons, Sandro Gozi, Brice Hortefeux, Paulo Rangel, Antonio Maria Rinaldi, Domènec Ruiz Devesa, Jacek Saryusz-Wolski, Helmut Scholz, Pedro Silva Pereira, Sven Simon, Antonio Tajani, Mihai Tudose, Loránt Vincze, Rainer Wieland
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Brando Benifei, Alin Mituța

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

22	+
NI	Fabio Massimo Castaldo
PPE	Esteban González Pons, Brice Hortefeux, Paulo Rangel, Sven Simon, Antonio Tajani, Loránt Vincze, Rainer Wieland
Renew	Pascal Durand, Charles Goerens, Sandro Gozi, Alin Mituța
S&D	Brando Benifei, Gabriele Bischoff, Domènec Ruiz Devesa, Pedro Silva Pereira, Mihai Tudose
The Left	Leila Chaibi, Helmut Scholz
Verts/ALE	Damian Boeselager, Gwendoline Delbos Corfield, Daniel Freund

4	-
ECR	Geert Bourgeois, Jacek Saryusz Wolski
ID	Gerolf Annemans, Antonio Maria Rinaldi

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni